# It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent

## Qari I

*Alla ġej biex isalvakom.*

Is 35, 1-6a. 10

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa;
ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad,
ħa jwarrad bħar-ranġis.
2 Ħa tifraħ fuq li tifraħ, taqbeż u tgħanni.
Sebħ il-Libanu jingħata lilha,
il-ġmiel tal-Karmel u ta' Saron.
Għad jaraw is-sebħ tal-Mulej,
il-ġmiel ta' Alla tagħna.

3 Qawwu l-idejn mitruħa;
saħħu l-irkubbtejn imriegħda.
4 Għidu lil dawk b'qalbhom imbeżżgħa:
«Agħmlu l-ħila, la tibżgħux!
Araw, Alla tagħkom ġej jitħallas;
il-ħlas ta' Alla wasal;
Hu stess ġej biex isalvakom.»

5 Imbagħad jinfetħu għajnejn l-għomja,
jinfetħu widnejn it-torox.
6 Imbagħad iz-zopp jaqbeż bħal għażżiela
u lsien l-imbikkma jinħall bil-ferħ.

10Jerġgħu lura l-mifdijin tal-Mulej,
u jidħlu f'Sijon jgħajtu bil-ferħ,
b'ferħ ta' dejjem fuq rashom.
Il-ferħ u l-hena jiksbu,
u jgħibu swied il-qalb u l-krib.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 146 (147), 7.8-9a.9bc-10

R/. (Is 34,4): Ejja Mulej, ħa ssalvana
*jew*
R/. Hallelujah

Il-Mulej iżomm kelmtu għal dejjem,
7jagħmel ħaqq lill-maħqurin,
u jagħti l-ħobż lill-imġewħin.
Il-Mulej jeħles lill-imjassrin. R/.

8Il-Mulej jiftaħ għajnejn l-għomja;
il-Mulej jerfa' lill-milwijin;
il-Mulej iħobb lill-ġusti;
9il-Mulej iħares lill-barranin. R/.

9Hu jżomm lill-iltim u lill-armla,
imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom.
10Il-Mulej isaltan għal dejjem;
Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel. R/.

# Qari II

*Qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi fil-qrib.*

Ġak 5, 7-10

**Qari mill-Ittra ta' San Ġakbu Appostlu**

7Ħuti, stabru, sa ma jasal il-Mulej. Ara, il-bidwi joqgħod b'sabar kbir
jistenna l-frott għażiż ta' l-art, sa ma jieħu x-xita bikrija u mwaħħra.
8Stabru intom ukoll; qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi
fil-qrib.

9Tgergrux kontra xulxin, ħuti, biex ma tkunux iġġudikati: araw,
l-Imħallef qiegħed hawn, quddiem il-bieb! 10Bħala eżempju tat-tbatija
u s-sabar, ħuti, ħudu l-profeti li tkellmu f'isem il-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Is 61, 1

Hallelujah. R/. Hallelujah
L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi,
għax il-Mulej ikkonsagrani,
biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Inti huwa dak li għandu jiġi, jew se nistennew lil ħaddieħor?*

Mt 11, 2-11

## Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, [2]Ġwanni, li kien fil-ħabs, sama' bl-għemejjel
tal-Messija, u bagħat għandu tnejn mid-dixxipli tiegħu [3]u qallu:
«Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?»
[4]Ġesù wieġeb u qalilhom: «Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta'
dak li qegħdin tisimgħu u taraw: [5]l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu,
il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, l-Evanġelju
jixxandar lill-foqra. [6]Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija.»

[7]Meta dawk telqu, Ġesù qabad ikellem lin-nies fuq Ġwanni: «Xi ħriġtu
taraw fid-deżert? Qasba tixxejjer mar-riħ? [8]Xi ħriġtu taraw? Raġel
liebes fin? Dawk li jilbsu fin fil-palazzi tas-slaten issibhom. [9]Mela
xi ħriġtu taraw? Profeta? Iva, ngħidilkom, anzi xi ħaġa iżjed minn
profeta. [10]Dan hu li fuqu hemm miktub: "Ara, jiena nibgħat qablek
il-ħabbâr tiegħi biex iħejji triqtek quddiemek."

[11]Tassew, ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn
Ġwanni l-Battista. U b'danakollu l-iżgħar wieħed fis-Saltna
tas-Smewwiet hu akbar minnu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu